# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael MALLIA)**

**vs**

**Daniel BRIFFA**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Daniel BRIFFA** li għandu l-karta tal-identita bin-numri 62887M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli (in suċċint) :-

1. nhar is-7 t'April 2013 f'San Ġiljan, ikkommetta serq ta' handbag kontenenti diversi oġġetti fosthom mobile phone, flus u oġġetti oħra liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, valur (mhux iktar minn €2329.37) u bil-persuna a dannu ta' Martina Herrera;
2. nhar l-14 t'April 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta sew jekk barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema reat huwa serq kwalifikat bil-valur mhux iktar minn €2329.37;

3. u aktar talli kkommetta r-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Maġistrat Dottor Edwina Grima nhar l-24 t'Ottubru 2012.
4. Li huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tad-19 t'April 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 6 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Arthur Azzopardi tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Frar 2016 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Emanuel Mallia tenna li huwa ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih, filwaqt li saħaq li huwa ma kienx ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li huwa ma kien bl-ebda mod involut fis-serq tal-handbag u b'hekk żamm ferm l-innoċenza tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħa lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti rat li matul is-seduta tat-23 ta' Settembru 2015 l-Avukat tal-parte civile Dottoressa Veronique Dalli kienet iddikjarat li f'dak l-istadju tal-proċeduri il-parte civile kienet ġiet riżarċita

kompletament u li konsegwentement ma kienx fadlilha aktar interess u pretensjonijiet ta' natura ċivili fil-konfront tal-imputat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet f'dan il-każ fejn l-Avukat Difensur tenna illi:

1. Fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ma hemm l-ebda prova li kien l-imputat li ha l-handbag in kwistjoni u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.
2. Il-parte civile thallset a saldu fir-rigward tal-mobile phone in kwistjoni u kif dikjarat minn Dr. Veronique Dalli ghal parte civile ma kien ghad hemm ebda pretenzjoni ta' natura civili fil-konfront ta' l-imputat.
3. Inoltre I-Avukat Difensur tenna illi fdan il-kaz I-imputat kien inghata sentenza ta' prigunerija ta' xahrejn sospizi fuq reat minn fejn irrizulta b'mod car Ii hu kien gie ipprovokat. Inoltre minn hekk wiehed mill-iskop ta' l-piena huwa dak riabilitattiv u f'dan il-kaz ghalkemm ma jirrizultax mill-provi pero b'lealta' id-difensur tenna li l-imputat kien u ghadu jahdem ma' l-Maxims pastizzerija fejn tghallem is-sengha ta' pastizzar.
4. F'dan il-kuntest anki kif patteggjat ma' I-Ufficjal Prosekutur il-piena ta' l-estensjoni ta' l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hija wahda indikata il-ghaliex tassigura li tibqa' l-mannara fuq ghonq l-imputat.

Semgħet ukoll lill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Kurt Zahra li ddikjara li kien jaqbel li f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha tkun ta' estensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija lill-imputat skont kif imsemmi fl-imputazzjoni.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih kif speċifikat aktar 'il fuq, il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kontestata lilu.

Mill-banda l-oħra huwa pprotesta l-innoċenza tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni in kwantu jtenni li huwa kien kompletament estraneju għas-serqa tal-handbag de quo.

Fil-verita il-prova prinċipali dwar l-ewwel imputazzjoni f'dan il-każ hija d-desposizzjoni ta' Matthew Sciberras li a fol 45 xehed li f'jum li kien il-Ħamis kien ġab mobile mingħand ħabib tiegħu li kien qallu li waqt li kien ir-Ryan's Pub f'San Ġiljan, huwa kien "sab" basket li kien "waħdu" u li ġo fih kien hemm il-mobile phone meritu ta' dan il-każ, u dan il-ħabib tiegħu dan il-basket kien ħadu. Matthew Sciberras identifika lill-imputat Daniel Briffa bħala dan il-ħabib tiegħu. Matthew Sciberras wera' interess li jixtri dan il-mobile phone mingħand l-imputat. Irriżulta li Matthew Sciberras kien ġie wkoll mixli bir-riċettazzjoni tal-istess mobile phone u l-kawża kontrih kienet res iudicata.

Martina Herrera xehdet a fol 84 u stqarret li hija kienet għamlet rapport lil Pulizija fit-8 t'April 2013 fejn spjegat li bejn il-lejl tas-7 u 8 t'April 2013 kienet fir-Ryan's Pub, f'San Ġiljan mal-ħbieb tagħha u kellhom mejda u sufan u poġġew il-basktijiet u l-blasers fuqhom warajhom. Biex imorru jixtru drink kienu jmorru wieħed jew tnejn u dejjem kien ikun hemm xi ħadd mal-basktijiet. Meta ġew biex jitilqu kulħadd ġabar il-basket jew blaser tiegħu, iżda hija ma

sabetx il-basket tagħha li kien clutch bag li fih kellha mobile phone iPhone 5 cwievet tad-dar u tal-karozza kif ukoll xi sittin euro kontanti. In-numru tal-mobile phone tagħha kien 99219252. Hija kienet tat il-kaxxa tal-mobile number bis-serial number lill-Pulizija. Minn din id-deposizzjoni ta' din ix-xhud minn imkien ma jirriżulta li hija f'xi ħin kienet insiet jew delibberatament ħalliet warajha l-handbag tagħha bil-kontenut ta' fih. Mix-xiehda ta' WPC174 Joan Bonello jirriżulta li Martina Herrera għamlet il-kwerela tagħha fl-Għassa ta' San Ġiljan fit-8 t'April 2013 f'00:07.

Ix-xhud Marisa Mifsud għan-nom tal-Vodafone xehdet u ppreżentat dokument MG1 minn fejn jirriżulta li l-mobile phone li kellu l-IMEI tiegħu 013422008968000(4) marbut man-numru telefoniku użat minn Martina Herrera 99219252 kien ġie użat l-aħħar fis-7 t'April 2013 23:48:17. Iżda jirriżulta li wara din it-telefonata reġgħa ġie użat l-istess IMEI did-darba marbut ma' numru telefoniku differenti u ċjoe 99912123, li rriżulta li huwa ta' Clint D'Amato u liema mobile phone ġie wżat minnu wkoll sa' mid-9 t'April 2013 mill-09:40:19.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti ma tqisx li tkun *safe and satisfactory* li ssib il-ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni in bażi għall-provi

hawn fuq imsemmija. Ix-xiehda unika li torbot lill-imputat mas-serqa tal-handbag hija l-istqarrija ta' Matthew Sciberras li l-imputat qallu li l-handbag kien sabu fir-Ryan's Pub. Din evidenza tista' formalment titqies bħala waħda ammissibbli għaliex jekk Matthew Sciberras jitwemmen f'dak li jixhed tista' tkun prova ta' konfessjoni magħmula miegħu da parti tal-imputat. Biss din il-Qorti qieset u wieżnet din ix-xiehda b'kawtela għax Matthew Sciberras tressaq il-Qorti u ġie wkoll sentenzjat għall-parteċipazzjoni tiegħu fir-riċettazzjoni tal-istess mobile phone. Dan qiegħed jingħad ukoll fl-isfond tal-fatt li ma kienx hemm evidenza oħra li torbot lill-imputat mas-serqa b'mod dirett. Verament li hemm evidenza ċirkostanzjali li torbot lill-imputat mal-post fejn seħħet is-serqa (għax kien security hemmhekk) u għaliex kien xogħol dakinhar tas-serqa sa nofs il-lejl. Pero din il-prova mhix suffiċjenti li torbot lill-imputat mas-serqa. Il-Qorti ma għandhiex xhieda oħra indipendenti minn din li tista' torbot fuqha.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti għandha quddiemha l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Issa kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat, għalkemm verament mhux fi stadju bikri tal-proċeduri, pero spiċċa biex ammetta t-tieni

imputazzjoni. Apparti minn hekk jidher ukoll li huwa rriżarċixxa lill-vitma b'mod sħiħ. Dan juri rikonoxximent tar-responsabbilita da parti tiegħu u juri wkoll sens li nidem minn dak li seħħ muri fl-azzjoni pożittiva li jħallas lura dik il-ħsara li spiċċa kkawża bl-azzjoni tiegħu. Mill-banda l-oħra huwa wettaq ukoll ir-reat de quo fiż-żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Jannar 2015.

F'dan il-każ huwa minnu li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża saħqu li l-piena li għandha tiġi inflitta għandha tkun dik t'estensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża ġja komminata lilu. Din il-Qorti tqis li dan waħdu mhux biżżejjed f'dan il-każ. Il-Qorti tqis li tista' tilqa' dan is-suġġeriment tal-partijiet biss f'parti minnu kwantu għal dak li jirrigwarda t-tqegħid fis-seħħ tas-sentenza ta' priġunerija sospiża.

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti u s-sottomissjonijiet magħmula u ai termini tal-Artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali :

(a) stante n-natura tar-reat li għalih ġie misjub ħati (li huwa divers mit-tipoloġija tar-reat li ser jinstab ħati tiegħu f'din is-sentenza nonche ċ-ċirkostanzi li ġie kommess fihom dak ir-reat);

(b) kif ukoll il-fatt li huwa ammetta l-ħtija tiegħu f'din kawża għar-rigward tat-tieni imputazzjoni;

(c) nonche l-fatt li huwa rriżarċixxa lill-vitma tar-reat u b'hekk wera wkoll element ta' assunzjoni ta' responsabbilta' u sogħba konkreta għal dak li għamel;

(d) kif ukoll tal-fatt li l-imputat jidher li qabad direzzjoni tajba f'ħajtu,

din il-Qorti tqis li kwantu għal dak li jirrigwarda s-sentenza ta' priġunerija sospiża minflok din għandha tiġi imqegħda fis-seħħ skont l-Artikolu 28B(1), din il-Qorti bi ħsiebha li tagħmel ordni li permezz tiegħu bis-saħħa ta' din is-sentenza il-perjodu operattiv hemmhekk speċifikat għandu jitqies li jkun jiskadi mhux aktar tard minn tliet snin minn din is-sentenza.

Mill-banda l-oħra, kwantu għar-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni u li dwaru sejjer jiġi misjub ħati permezz ta' din is-sentenza, din il-Qorti jidhrilha li hemm lok li l-imputat jingħata l-possibilita' li jkompli jibni ħajtu l-bogħod mill-kriminalita' u bi sforz li jagħmel xogħol onest. Għalhekk sejra tqegħdu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin millum.

## ***DECIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28A sa 28H, 31, 49, u 334(a) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Daniel BRIFFA mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li ma ġietx soddisfaċentement ipprovata sal-grad li trid il-Liġi u għalhekk qegħda tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha; filwaqt li fuq l-ammissjoni tiegħu stess stess, qegħdha ssibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti tqis li kwantu għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, hija tal-fehma li jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza,

nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordnijiet mogħtija lilu.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża il-Qorti tqis li mill-provi prodotti u s-sottomissjonijiet magħmula u ai termini tal-Artikolu 28B(2) tal-Kodiċi Kriminali :

(a) stante n-natura tar-reat li għalih ġie misjub ħati (li huwa divers mit-tipoloġija tar-reat li ser jinstab ħati tiegħu f'din is-sentenza nonche ċ-ċirkostanzi li ġie kommess fihom dak ir-reat);
(b) kif ukoll il-fatt li huwa ammetta l-ħtija tiegħu f'din kawża għar-rigward tat-tieni imputazzjoni;

(c) nonche l-fatt li huwa rriżarċixxa lill-vitma tar-reat u b'hekk wera wkoll element ta' assunzjoni ta' responsabbilta' u sogħba konkreta għal dak li għamel;

(d) kif ukoll tal-fatt li l-imputat jidher li qabad direzzjoni tajba f'ħajtu,

tiddeċiedi li minflok li ġġib fis-seħħ is-sentenza ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal sena skont is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 t'Ottubru 2012 konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Jannar 2015 din il-Qorti tordna li l-perjodu operattiv hemmhekk speċifikat għandu jitqies li jkun jiskadi mhux aktar tard minn tliet snin minn din is-sentenza.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 9 ta' Marzu 2016***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**ORDNI TA' *PROBATION***

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

***Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 9 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Daniel BRIFFA**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Daniel BRIFFA** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, ikun jista jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Għalhekk **tordna** li l-ħati **Daniel BRIFFA** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 62887M ikun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javza immedjatament lill-Uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-iehor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li l-ħati għandu jagħmel u joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intizi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**(firma tal-persuna mqegħda taħt *probation*)**

***Doris Serpina***

***Deputat Registratur***

***Aaron M. Bugeja***

***Maġistrat***